MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 918/2006

**PJ Sutters (Marketing) Limited (C 35984)**

**Vs**

**C & C Caterers Limited (C 35883) u Claude Paris**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Ottubru, 2006 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u hamsa u ghoxrin lira, wiehed u erbghin centezmu (Lm 225.41), rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` merkanzija debitament mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja datata 26 ta` Settembru, 2006 u bl-interessi kummercjali mis-26 ta` Jannar, 2006 li hija d-data ta` l-ahhar konsenja kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 1 ta` Dicembru, 2006 fejn fl-ewwel lok il-konvenut Claude Paris talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa di proprio ma kienx innegozja mas-socjeta` attrici u kwindi ma hux il-legittimu kontradittur. Fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta tallega li kienet qieghdha tirciev i konsenja ta` tortellacca f'piz anqas minn dak ordnat.

Bl-ispejjez.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali rispettivi.

Ikkunsidra.

Antoinette Stellini ghas-socjeta` attrici stqarret fl-affidavit taghha li huma kienu jissupplixxu lis-socjeta` konvenuta b'diversi prodotti ta` ikel fosthom it-tortellacci ghar-restaurant taghhom. Dawn ta` l-ahhar kienu jigu ordnati regolarment kif jista` jirrizulta minn diversi dokumenti ezebiti. F'mument minnhom is-socjeta` attrici giet informata mill-konvenut illi huwa kien ha xi zball fuq it-tortellacci u sabiex jaghmel tajjeb ghal dan kien ser inaqqas mill-hlas tal-bilanc dovut minnu lis-socjeta` attrici. Dan ix-xhud ikkonfermat mal-konvenut li l-istatement ma kien fih ebda zball pero` l-konvenut xorta wahda insista li kien ser jaqta` mill-bilanc dovut peress li kien qara hazin il-lista tal-prezzijiet. Dan il-kontenut gie anke kkonfermat Carmen Saliba tramite l-affidavit taghha li kompliet spjegat x'kien l-izball matematiku li kienet ghamlet is-socjeta` konvenuta fuq il-price list tat-tortellacci.

Il-konvenut Claude Paris jichad il-fatt li huwa kien spjega li ghamel zball fil-prezz ta` dan il-prodott pero` fl-istess nifs jikkonferma li huwa kien qed jilmenta mill-fatt li l-prezz kwotat kien qed jirreferi ghal 100 gramma u mhux ghal 60 gramma u l-indikazzjoni ta` 60 gramma hija semplicement il-piz tal-pakkett kif jigi u mhux ukoll kemm jiswa` tali pakkett. Huwa jghid li din l-interpretazzjoni tohrog cara mill-fatt li dan il-prodott kien tnizzel ukoll taht il-kolonna

generika ta` 100 gramma ghal kull bicca. Huwa jghid li hassu ngannat meta dan il-prodott gie ndikat li jiswa` 29 cents ghal kull 100 gramma meta fil-fatt kellu jkun 29 cents ghal kull 60 gramma.

Martin Caruana li jahdem ta` chef mas-socjeta` konvenuta jghid fl-affidavit tieghu li huma kienu nnnotaw b'tali diskrepanza dwar il-prezz ta` mitt jew sittin gramma wara certu zmien li kienu ilhom jservu dan il-platt u wara li kienu hadmu fuq il-costings mahruga mis-supplier, liema costings skond hu nhargu hazin peress illi l-prezz kellu jirreferi ghal 60 gramma u mhux ghal 100 gramma. In kontro-ezami Claude Paris jikkonferma li huwa gie a konjizzjoni ta` din il-problema wara li kien ghadda perjodu ta` zmien johorgu l-platt in kwistjoni u kif ukoll ikkonferma li huwa kien ra l-price list ezebita a fol. 32 tal-process qabel ma beda jordna.

Illi mill-ewwel deher apparenti, anke tramite l-provi hawn fuq riprodotti, li l-pern ta` dina l-kawza u d-disgwid li nholoq bejn il-partijiet kienet l-interpretazzjoni tal-price list ezebita a fol. 32 tal-process fejn hemm ndikat il-prezzijiet kollha tal-prodotti skond il-piz relattiv. Filwaqt li din il-lista tindika l-prezz tat-tortellacci b'mod partikolari ghal kull pakkett ta` 60 gramma, is-socjeta` konvenuta fehmet dak il-prezz li jirreferi ghal 100 gramma skond il-kolonna ta` fejn jinstab u mhux ghal 60 gramma u ghalhekk dan l-izball matematiku baqa` jigi rifless fil-mod kif huwa ghamel il-costings ta` kull platt tortellacci u kwindi l-prezz ta` kif kien johrog dan il-platt partikolari ghall-konsumatur.

Illi minn ezami ta` dan id-dokument a fol. 32 tal-process, it-Tribunal ma jistax jifhem kif is-socjeta` konvenuta waslet ghal tali nterpretazzjoni meta hemm indikat car u tond li r-rata kwotata kienet qed tirreferi ghal kull pakkett ta` 60 gramma u dana peress illi ghalkemm ir-rata tinsab imnizzla taht il-kolonna ta` mitt gramma, dan il-prodott partikolari fl-istess linja kien qed jigi kkwalifikat bhala li jikkonsisti f'pakketti ta` 60 u mhux 100 gramma. Illi barra minn hekk is-socjeta` konvenuta lanqas ma hi skuzata li waslet biex indunat b'dan il-malintiz wara li kienu gia` saru diversi konsenji u li naqset li tattira l-attenzjoni tas-socjeta`

attrici dwar id-diffikulta` li hija kellha biex tinterpreta l-prezz ta` tali prodott jekk tassew kien indikat b'mod ambigwu.

Illi madanakollu ma tresqu ebda provi soddisfacenti li b'xi mod jorbtu lill-konvenut di proprio b'responsabbilita` legali ghal tali negozju.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jilqa` l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut di proprio jiddikjara li ma hux il-legittimu kontradittur u kwindi jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez relattivi a karigu tas-socjeta` attrici u fit-tieni lok jirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici fil-konfront taghha u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Lm 225.41, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta` Jannar, 2006 u bl-ispejjez relattivi kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------